

Brussell, 3 ta' Marzu 2023
(OR. en)

6685/23

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0011(NLE)

SOC 133
EMPL 91
SAN 93
GENDER 19
ANTIDISCRIM 18
FREMP 47
ILO 1

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet tal-Kunsill (EPSCO) tat-13 ta' Marzu 2023.

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw,
fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190)
tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol**

Nota ta' gwida mill-Presidenza

F'Ġunju 2019, fil-108 sessjoni (Ċentenarju) tagħha, il-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol adottat il-Konvenzjoni 190 dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza u l-Fastidju fid-Dinja tax-Xogħol¹ (minn hawn 'il quddiem: il-Konvenzjoni 190 tal-ILO), flimkien mar-Rakkomandazzjoni 206². Il-Konvenzjoni 190 tal-ILO hija l-ewwel strument internazzjonali li jistabbilixxi standards speċifiċi u applikabbli fuq livell dinji dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-fastidju relatati max-xogħol. Huwa imperattiv li jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza u fastidju kontra n-nisa u l-irġiel fid-dinja tax-xogħol, peress li tali mġiba u prattiki huma tħassib serju għad-drittijiet tal-bniedem u theddida għad-dinjità, is-saħħa u l-benesseri tal-individwi. Il-Konvenzjoni 190 tal-ILO hija pass sinifikanti biex jinkiseb dan l-oġġettiv.

L-Istati Membri tal-UE kellhom rwol ewlieni għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni 190 tal-ILO, fejn affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jipromwovu kondizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa u n-nondiskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Il-koordinazzjoni tagħhom dejjem ippermettitilhom jtkellmu b'vuċi waħda, u b'hekk ikunu negozjatur b'saħħtu fl-ILO. Dan ser ikompli jkun pertinenti fil-kuntest ta' negozjati futuri u ser jibqa' kruċjali fl-iżgurar tal-kredibbiltà u l-inflwenza tal-Istati Membri tal-UE fl-ILO.

Fit-22 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposta għal "Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol"³, (minn hawn 'il quddiem: id-Deċiżjoni tal-Kunsill), hekk kif sar għal ħames Konvenzjonijiet tal-ILO preċedenti u Protokoll wieħed. Minkejja l-oġġettiv komuni tal-ġlieda kontra l-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol, il-Kunsill ma setax jilħaq qbil fil-prinċipju u jipproċedi biex jgħaddi d-Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

¹ Il-Konvenzjoni C190 — Il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) (ilo.org). Għar-ratifiki attwali tal-Konvenzjoni 190 tal-ILO ara: Ratifiki tal-konvenzjonijiet tal-ILO:Ratifiki mill-Konvenzjoni.

² Ir-Rakkomandazzjoni R206 - Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 206) (ilo.org).

³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020PC0024>

Wieħed mit-tħassib pendenti prinċipali rigward l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill huwa relatat mad-diskussjoni dwar l-obbligu li tiġi rratifikata l-Konvenzjoni 190 tal-ILO wara l-adozzjoni tagħha. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-bażi legali għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill, li tirriżulta mit-Trattat ta' Liżbona, tibqa' l-istess bħas-sitt strumenti preċedenti tal-ILO li għalihom il-Kunsill adotta Deciżjoni⁴. Fil-kuntest tad-diskussjonijiet għall-Konvenzjoni 190 tal-ILO, ġie ċċarat li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-Konvenzjoni 190 tal-ILO fl-interess tal-Unjoni tkun tinvolvi obbligu li jirratifikaw il-Konvenzjoni, kif kien il-każ għad-Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill adottati biex jawtorizzaw ir-ratifika tal-istrumenti tal-ILO. Il-Kummissjoni, s'issa, ma tat bidu għall-ebda proċedura ta' ksur kontra xi Stat Membru għan-nuqqas ta' ratifika ta' xi wieħed minn dawn l-istrumenti.

Id-dibattitu fil-Kunsill ser jipprovdi opportunità biex jiġi diskuss dan il-fajl fil-livell politiku u jiġu esplorati modi possibbli 'l quddiem fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta u r-ratifika tal-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2005 li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interessi tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-Dokumenti ta' Identità tal-Baħrin (il-Konvenzjoni Nru 185), ĠU L 136/1 tat-30.5.2005; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2007 li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, ĠU L 161/63 tat-22.6.2007; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2010 li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni, il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (il-Konvenzjoni Nru 188), ĠU 145/12 tal-11.6.2010; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2014 li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza fl-Użu tas-Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol, 1990, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (il-Konvenzjoni Nru 170) (2014/52/UE); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2014 li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar ix-xogħol deċenti għall-ħaddiema domestiċi, 2011, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (il-Konvenzjoni Nru 189) (2014/51/UE); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2071 tal-10 ta' Novembru 2015 li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward tal-Artikoli 1 sa 4 tal-Protokoll fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, ĠU L 301 tat-18.11.2015; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2037 tal-10 ta' Novembru 2015 li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-politika soċjali, ĠU L 298 tal-14.11.2015.

F'dan l-isfond, fil-kontributi tagħhom, il-Ministri huma mistiedna jiffukaw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. *L-Istati Membri, liema triq iqisu l-aktar xierqa biex jirratifikaw il-konvenzjoni?*
2. *L-Istati Membri, liema assigurazzjonijiet iqisu meħtieġa biex ikunu jistgħu jappoġġaw l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill?*